**19 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Giuseppina Philips

*versus*

Rosa Storace et.

**Provi — Perizja — Onorarju tal-Perit — Art. 670 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrigwarda d-depożitu tal-onorarju tal-perit li jiġi nominat mill-Qorti, meta jkun hemm dan l-ordni, għandu, fil-każi kongruwi, jiġi osservat "ad unguem", sabiex l-iskop tal-perizji ma jiġix frustrat u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix intralċjata.*

*Dik id-dispożizzjoni tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja, jew indipendentement mill-provi miġbura quddiem il-perit, meta, fost każi oħra, ma jsirx, fiż-żmien li jiġi għal dan il-fini mogħti, u mill-parti li jmissha provviżorjament tħallsu, id-depożitu ta' somma li fil-fehma tal-Qorti tkun bejn wieħed u ieħor daqs id-dritt li jista' jmiss lill-perit li jiġi assunt.*

*Dan in-nuqqas ta' depożitu jekwivali għal nuqqas ta' prova tal-fatti li kien intiż li jsiru bil-perizja; u l-Qorti tista' tiddeċidi l-kawża daqs kieku r-riżultat ta' dan il-mezz ta' prova kien negattiv*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, wara li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni u premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji, billi b'rikors (dok. A) preżentat f'din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Novembru 1960 il-konvenuti ppertendew li ħaqqhalhom jieħdu minn għand l-attriċi s-somma ta' £247. 3. 1d għas-saldu tal-kapital, interessi relattivi, u spejjeż dovuti mill-attriċi bħala garanti solidati ta' żewġha skond il-kuntratt riċevut minn Nutar Giovanni Chapelle fis-27 ta' Lulju 1933, waqt illi l-bilanċ dovut huwa wisq anqas kif jidher mill-kalkolu kontenut fl-unit dokument B; u peress li, inoltre, il-konvenuti baqgħu jakkreditaw ruħhom kontra l-attriċi għall-interessi fuq l-ammont ta' £88. 2.7½d li huma kienu, b'rikors ieħor, talbu l-iżbank tagħhom, u naqsu li jiżbankawhom non ostante l-awtorizzazzjoni ottenuta minn din l-Onorabbli Qorti prevju kunsens tal-attriċi wara ċ-ċedola eżistenti taħt l-awtorità ta' din il-Qorti numru 279/1932; talbu li jiġi dikjarat u deċiż illi fuq is-somma msemmija ta' £88. 2. 7½d, jew fuq kemm minnha, ma għandhomx jiddekorru l-interessi fuq imsemmija tal-5% fis-sena mid-digriet awtorizzanti l-iżbank favur il-konvenuti, peress li dawn, bla raġuni valida u arbitrarjament, naqsu li jiżbankaw l-istess somma; u jiġi likwidat il-bilanċ tal-kreditu dovut mill-attriċi favur il-konvenuti in forza tal-imsemmi kuntratt bħala garanti ta' żewġha għas-self u relattivi nteressi hemm stipulati, kunsidrati l-ammonti mħallsin sal-lum, u kunsidrata s-sospensjoni tad-dekorrenza tal-interessi fuq l-ammont imsemmi ta' £88.2.7½d kif fuq, jew fuq kemm minnha; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Novembru 1960, kontra l-konvenuti, li jibqgħu mħarrka għas-subizzjoni; u li tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru maħruġ minn din l-Onorabbli Qorti b'istanza tal-konvenuti kontra l-attriċi fis-27 ta' April 1957, prorogat, li jġib in-numru 135 tal-istess sena 1957 (dok. C), peress li l-konvenuti sekwestranti huma suffiċjentement koperti bid-depożitu li hemm taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, magħmul permezz taċ-ċedola tas-27 ta' Mejju 1960, li ġġib in-numru 70/1960 (dok. D), li minnu l-istess konvenuti ġa għamlu l-proċeduri biex jiżbankaw (dok. A). Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bid-digriet fuq imsemmi l-perizja ġiet ordnata li ssir *bi spejjeż provviżorjament* tal-attriċi, li lilha ġie ordnat li fi żmien tmien tijiem tiddepożita £20 biex jagħmlu tajjeb għall-onorarju u spejjeż tal-perit. B'rikors preżentat minnha fid-9 ta' Mejju 1962 l-attriċi, wara li esponiet, fost ħwejjeġ oħra, li mhix fil-possibbiltà li tagħmel l-imsemmi depożitu talbet li jiġi sospiż l-inkariku tal-perit. Din it-talba ġiet respinta b'digriet tal-11 ta' Mejju 1962, kif ġie verbalizzat fis-seduta tad-29 ta' Mejju 1962. Il-perit legali nforma l-Qorti li sa dak inhar kienet għadha ma effettwatx id-depożitu, u fl-istess seduta l-attriċi ddikjarat li mhix f'pożizzjoni li tagħmel dak id-depożitu. Dak inhar stess, ukoll, il-kawża ġiet differita għal-lum bħala l-aħħar differiment biex fl-intervall hi teffettwa d-depożitu msemmi. Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-lum, l-attriċi dan id-depożitu baqgħet ma għamlitux;

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fit-28 ta' Frar 1952, fil-kawża in re "Muscat vs. Sant Fournier ne.", l-art. 670 Kap. 15. li għandu jiġi fil-każi kongruwi osservat "ad unguem", sabiex l-iskop tal-perizji ma jiġix frustrat u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ntralċjata, jagħti l-fakoltà lill-Qorti li tiddeċidi l-kawża mingħajr il-perizja, jew indipendentement mill-provi miġjuba quddiem il-perit meta, fost każi oħra (inċiż "d"), ma jsirx fiż-żmien li jiġi għal dan il-fini mogħti u mill-parti li jmissha provviżorjament tħallsu, id-depożitu tas-somma li fil-fehma tal-Qorti tkun bejn wieħed u ieħor daqs id-dritt li jista' jmiss lill-perit li jiġi *nominat*;

Illi l-Qorti hija tal-fehma, kif jidher minn dak li ntqal iżjed il-fuq, illi lill-attriċi ngħata żmien biżżejjed biex tagħmel dak li l-liġi tippreskrivi u li l-Qorti ordnatilha. B'analoġija għal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 1910 fil-kawża in re "Zammit vs. Chircop", jista' jingħad illi n-nuqqas ta' depożitu da parti tal-attriċi jekwivali għal

nuqqas ta' prova tal-fatti li kien intiż li jsiru bil-perizja, u l-Qorti tista' tiddeċidi l-kawża daqs kieku r-riżultat ta' dan il-mezz ta' prova kien negattiv;

Illi għalhekk, billi f'dan il-każ ma hemm ebda prova in sostenn tad-domandi, għandu jingħad li dawn ma ġewx pruvati;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċ'di billi tirrespinġi d-domandi; salvi drittijiet oħra lill-attriċi "si et quatenus". L-ispejjeż tħallashom l-atrriċi.